**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0085/2024**

2.10.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 136(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Moldova kontra l-indħil Russu qabel l-elezzjonijiet presidenzjali u r-referendum kostituzzjonali dwar l-integrazzjoni fl-UE li jmiss
(2024/2821(RSP))

**Yannis Maniatis, Nacho Sánchez Amor, Sven Mikser, Thijs Reuten, Dan Nica, Victor Negrescu, Gheorghe Cârciu, Mihai Tudose, Adrian-Dragoş Benea, Gabriela Firea, Maria Grapini, Claudiu Manda, Vasile Dîncu, Ştefan Muşoiu**
f'isem il-Grupp S&D

**B10-0085/2024**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Moldova kontra l-indħil Russu qabel l-elezzjonijiet presidenzjali u r-referendum kostituzzjonali dwar l-integrazzjoni fl-UE li jmiss**
**(2024/2821(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika tal-Moldova,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra[1],

– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea (COM(2022)0406),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 136(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Repubblika tal-Moldova hija sieħba importanti u stmata tal-UE; billi l-applikazzjoni tagħha għall-adeżjoni mal-UE, u d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jagħti status ta' kandidat lir-Repubblika tal-Moldova bil-fehim li jittieħdu disa' passi, turi ambizzjoni konġunta qawwija għal integrazzjoni rapida tal-UE; billi permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, fis-seħħ mill-2016 'il hawn, l-UE u l-Moldova impenjaw ruħhom li jippromwovu assoċjazzjoni politika u jiksbu integrazzjoni ekonomika;

B. billi l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova beda proċess ta' riforma politika, ġudizzjarja u istituzzjonali ta' ambizzjoni mingħajr preċedent u wera d-determinazzjoni soda tiegħu li jissodisfa d-disa' passi identifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni sabiex jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni, li dwarhom il-Kunsill Ewropew iddeċieda b'mod pożittiv fl-14 ta' Diċembru 2023; billi l-implimentazzjoni msaħħa tal-ftehimiet attwali tal-Gvern tal-Moldova turi l-impenn tiegħu lejn kooperazzjoni eqreb mal-UE u integrazzjoni fiha; billi maġġoranza ċara taċ-ċittadini tal-Moldova tappoġġja l-adeżjoni mal-UE;

C. billi d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2023 li jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni mal-Moldova u t-tlaqqigħ tal-ewwel konferenza intergovernattiva dwar l-adeżjoni tal-Moldova mal-Unjoni Ewropea f'Ġunju 2024 huma stadji storiċi fir-relazzjoni tal-pajjiż mal-UE, li jikkonfermaw mill-ġdid li l-futur tal-Moldova u ċ-ċittadini tagħha jinsab fl-UE;

D. billi l-adeżjoni mal-UE tibqa' proċess ibbażat fuq il-mertu bil-kundizzjoni li jiġu

[1] ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_internation/2014/492/oj?eliuri=eli%3Aagree_internation%3A2014%3A492%3Aoj&locale=mt.

ssodisfati kriterji u kundizzjonijiet stabbiliti;

E. billi d-demokrazija tar-Repubblika tal-Moldova wriet ir-reżiljenza tagħha quddiem id-diżinformazzjoni u l-propaganda Russi u minkejja l-attività sovversiva li żdiedet min-naħa tal-Federazzjoni Russa u mill-atturi sponsorjati mir-Russja;

F. billi l-gwerra ta' aggressjoni mhux ipprovokata, mhux ġustifikata u illegali li nbdiet mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna taffettwa b'mod profond is-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali u tipperikola s-sitwazzjoni makroekonomika u l-istabbiltà finanzjarja tal-Moldova, kif ukoll l-iżvilupp demokratiku u l-koeżjoni soċjali tagħha, filwaqt li tkompli żżid l-inċidenza u s-severità tal-faqar, l-inflazzjoni u l-emigrazzjoni; billi l-Federazzjoni Russa, f'kooperazzjoni ma' atturi domestiċi sponsorjati mir-Russja, tħeġġeġ u tutilizza l-inċertezza ekonomika, ġeopolitika u ta' sigurtà mifruxa li tirriżulta biex tiddeleġittimizza u trawwem oppożizzjoni għall-politiki pro-Ewropej tal-gvern;

G. billi l-miżuri attivi previsti jinkludu t-twaqqif u l-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet faċċata moħbija bħala organizzazzjonijiet mhux governattivi u "ċentri kulturali", it-tixrid ta' diżinformazzjoni online u offline bil-għan li jiġu stabbiliti kostitwenzi politiċi u soċjetali b'saħħithom favur ir-Russja u r-Repubblika tal-Moldova terġa' lura lejn stat ta' dipendenza fuq l-idrokarburi Russi, u teħid ta' passi li jistgħu jirriżultaw f'eskalazzjoni armata fir-reġjun okkupat tat-Transnistrija tar-Repubblika tal-Moldova;

H. billi l-oligarki pro-Russi Ilan Șor u Vladimir Plahotniuc, bħalissa fl-eżilju b'rabta ma' akkużi u kundanni li jikkonċernaw ħasil ta' flus u miżappropriјazzjoni, huma suspettati li kkooperaw mal-Federazzjoni Russa sabiex jimminaw il-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova; billi minn Awwissu 2022, l-alleati tas-Sur Șor, allegatament irreklutaw b'mod attiv, organizzaw il-loġistika għal individwi u pprovdewlhom kumpens finanzjarju biex jingħaqdu mal-protesti tagħhom;

I. billi l-kampanji ta' diżinformazzjoni, ta' propaganda u ta' manipulazzjoni politika min-naħa tar-Russja li ilhom għaddejjin fir-Repubblika tal-Moldova żdiedu mindu bdiet l-invażjoni fuq skala sħiħa tagħha tal-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022; billi l-istrateġija tas-sigurtà nazzjonali aġġornata tal-Moldova tattribwixxi kampanji ta' diżinformazzjoni u attakki ibridi oħra lir-Russja;

J. billi l-Kunsill adotta miżuri ta' assistenza b'valur ta' EUR 137 miljun għall-benefiċċju tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova fl-ambitu tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi mill-2021;

K. billi l-UE stabbiliet missjoni mhux eżekuttiva u ċivili tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) bit-titolu "Missjoni ta' Sħubija tal-UE fir-Repubblika tal-Moldova" (EUPM Moldova) biex issaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tas-sigurtà fl-oqsma tal-ġestjoni tal-kriżijiet u t-theddid ibridu, inklużi ċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin; billi t-tisħiħ ta' dawn l-isforzi kruċjali b'aktar assistenza tal-UE jista' jagħmel differenza sinifikanti;

1. Jesprimi l-appoġġ sħiħ u indispensabbli tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova; jikkundanna bil-qawwa t-tentattivi kostanti u kkoordinati mill-Federazzjoni Russa, l-oligarki favur ir-Russja u l-proxies lokali sponsorjati mir-Russja biex jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova, jiżirgħu

d-diviżjonijiet fis-soċjetà tal-Moldova u jxekklu d-direzzjoni pro-Ewropea tal-pajjiż permezz ta' attakki ibridi, l-użu tal-provvisti tal-enerġija bħala arma, id-diżinformazzjoni, it-theddid ta' bombi u protesti fi stadji, kif ukoll it-theddida jew l-użu tal-vjolenza;

2. Jenfasizza l-impatt serju tal-indħil tar-Russja fuq is-soċjetà tal-Moldova, li jagħti spinta lill-polarizzazzjoni soċjali, idgħajjef il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi u jeskala t-tensjonijiet soċjali; jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-UE jeħtiġilha turi solidarjetà mal-poplu tal-Moldova u tipprovdi appoġġ u assistenza konkreti, bl-aktar mod determinat possibbli, għall-isforzi tal-pajjiż biex ilaħħaq mal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u mat-tentattivi ta' destabilizzazzjoni tar-Russja u l-atturi pro-Russi;

3. Jistieden lill-Kunsill jadotta miżuri restrittivi mmirati kontra individwi u organizzazzjonijiet li jwettqu attakki ibridi kontra r-Repubblika tal-Moldova;

4. Ifaħħar l-istabbiliment u l-operazzjonijiet tal-EUPM Moldova, missjoni ċivili tal-PSDK li tipprovdi appoġġ imfassal apposta lill-Gvern tal-Moldova fil-ġlieda kontra t-theddid ċibernetiku, it-theddid ibridu u d-diżinformazzjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-bosta proġetti ta' sħab u kooperazzjoni mwettqa mill-EUPM Moldova f'kooperazzjoni mal-Gvern tal-Moldova, jiġifieri dawk li jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp tal-istrateġija tas-sigurtà nazzjonali u l-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni taċ-Ċentru għall-Komunikazzjoni Strateġika u l-Ġlieda kontra d-Diżinformazzjoni u l-Aġenzija taċ-Ċibersigurtà, u appoġġ immirat għal diversi ministeri u strutturi tal-gvern; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jipprovdu r-riżorsi addizzjonali, inklużi r-riżorsi umani u finanzjarji, it-tagħmir u l-esperti ċivili meħtieġa biex ikomplu jwettqu l-mandat tal-missjoni wara Mejju 2025;

5. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jikkunsidraw, bir-reqqa u bl-akbar urġenza, iż-żieda sostanzjali tal-miżuri ta' appoġġ attwali, filwaqt li jqisu ż-żieda fir-riskji għas-sigurtà għar-Repubblika tal-Moldova u l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-istat tal-Moldova, il-forzi armati u s-soċjetà kontra tentattivi esterni ta' destabbilizzazzjoni u provokazzjoni; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-Moldova tiġi inkluża progressivament fl-inizjattivi u l-programmi leġiżlattivi li ġejjin relatati mas-sigurtà u d-difiża Ewropea;

6. Jitlob li l-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Moldova biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-pajjiż għat-theddid ibridu permezz ta' miżuri mmirati, inkluż permezz ta' promozzjoni tat-tixrid tal-kontenut tal-media indipendenti f'reġjuni li fil-biċċa l-kbira tagħhom jitkellmu bir-Russu, appoġġ għall-ħidma tal-ġurnalisti u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jfittxu li jiġġieldu d-diżinformazzjoni, u kampanji pubbliċi mmirati lejn it-titjib tal-litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni tal-pubbliku, filwaqt li jibnu fuq l-isforzi attwali tal-Gvern tal-Moldova; jitlob, barra minn hekk, li jiġu pprovduti riżorsi u għarfien tekniku addizzjonali lill-Gvern tal-Moldova, bl-għan li jassisti fil-komunikazzjonijiet strateġiċi, il-koordinazzjoni interna u l-bini tal-kapaċità tiegħu fir-rigward ta' attakki ibridi u d-detezzjoni rapida u l-konfutazzjoni tad-diżinformazzjoni; ifaħħar l-isforzi tas-soċjetà ċivili tal-Moldova biex tappoġġja l-ġlieda tal-Gvern tal-Moldova kontra d-

diżinformazzjoni, tippromwovi l-valuri demokratiċi u ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà tal-Moldova kontra l-attakki ibridi;

7. Japprova s-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża UE-Moldova, iffirmata f'Mejju 2024, li tippromwovi sħubija b'saħħitha u mfassla apposta bl-għan li tindirizza b'mod konġunt l-isfidi kondiviżi għas-sigurtà u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-Moldova; japprova wkoll il-ħidma kontinwa taħt id-Djalogu Politiku u ta' Sigurtà ta' Livell Għoli bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-politika barranija u ta' sigurtà, jitqajmu kwistjonijiet rilevanti ta' tħassib għas-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali u jiġu diskussi l-possibbiltajiet għal koordinazzjoni mill-qrib u għal miżuri effettivi ta' assistenza u appoġġ; ifaħħar il-koordinazzjoni li qed tiżdied tar-Repubblika tal-Moldova rigward il-politika esterna u ta' sigurtà komuni (PESK) u l-allinjament magħha; jissottolinja s-sinifikat tal-adozzjoni tal-Moldova ta' miżuri restrittivi kontra l-Federazzjoni Russa f'konformità mal-PESK;

8. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Kunsill u l-Kummissjoni jkomplu jappoġġjaw bl-istess mod l-isforzi tal-awtoritajiet tal-Moldova biex iżommu l-istabbiltà makroekonomika, jiggarantixxu s-sigurtà enerġetika sħiħa tar-Repubblika tal-Moldova u jaħdmu malajr lejn l-indipendenza enerġetika tagħha mir-Russja permezz tal-aċċellerazzjoni tal-proġetti ta' diversifikazzjoni tal-enerġija, l-investimenti f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli u interkonnessjonijiet tal-enerġija mtejba, filwaqt li jiżguraw li l-enerġija tkun ekonomikament aċċessibbli, b'mod partikolari għall-aktar persuni vulnerabbli;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Gvern tal-Moldova biex jagħmel pressjoni fuq il-pjattaformi tal-media soċjali biex jindirizza l-ilmenti ta' diżinformazzjoni b'mod effettiv;

10. Jilqa' r-riformi tal-Moldova relatati mal-adeżjoni mal-UE, li fuqhom il-pajjiż għamel progress sinifikanti, u jħeġġeġ lill-Gvern, lill-Parlament u lill-President tal-Moldova jkomplu r-riformi ambizzjużi li jikkonċernaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u, b'mod partikolari, ikomplu r-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet rigward l-iskandlu tal-frodi bankarja tal-2014, filwaqt li jiżguraw li l-kwalità u s-sostenibbiltà jingħataw prijorità fuq il-ħeffa; ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit rekord kredibbli ta' prosekuzzjonijiet u kundanni għal korruzzjoni fuq il-bażi ta' investigazzjonijiet proattivi u effiċjenti bħala kwistjoni tal-akbar prijorità; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jressqu malajr proposta leġiżlattiva li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Reġim Globali tas-Sanzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE biex tinkludi atti ta' korruzzjoni bħala reat punibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw bis-sħiħ it-tħejjijiet tal-Moldova għall-adeżjoni mal-UE u jassistu b'mod proattiv fit-tisħiħ tal-isforzi kollha lejn it-tlestija tat-triq Ewropea tal-Moldova;

11. Jissottolinja l-importanza li jitmexxa 'l quddiem il-proċess ta' riforma tal-pajjiż sabiex jittejbu l-istandards tal-għajxien tal-popolazzjoni, speċjalment tal-gruppi tal-popolazzjoni aktar vulnerabbli u ta' dawk li jgħixu fir-reġjuni, u biex il-ġenerazzjonijiet iżgħar jiġu pprovduti bi prospetti attraenti għall-ħajja u x-xogħol fil-pajjiż, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà għall-attakki ibridi u jkun possibbli tnaqqis fl-għadd ta' ċittadini li jħossu l-ħtieġa li jitilqu mill-pajjiż sabiex ifittxu kundizzjonijiet tal-għajxien aħjar fi bnadi oħra fl-Ewropa; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jinħolqu opportunitajiet

għaż-żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fit-tisħiħ tar-reżiljenza tar-Repubblika tal-Moldova, inkluż permezz ta' programmi edukattivi ċiviċi, opportunitajiet ta' volontarjat u parteċipazzjoni fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

12. Jerġa' jsostni l-appoġġ tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova u għall-isforzi fil-qafas tal-proċess ta' negozjati 5+2 biex tintlaħaq soluzzjoni politika paċifika, komprensiva u dejjiema tal-kunflitt fit-Transnistrija, abbażi tar-rispett għas-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u bi status speċjali għar-reġjun tat-Transnistrija; jistieden lill-Federazzjoni Russa, għalhekk, tirtira kompletament il-forzi u t-tagħmir militari tagħha mir-reġjun tat-Transnistrija tar-Repubblika tal-Moldova u tiżgura, taħt sorveljanza internazzjonali, l-evakwazzjoni immedjata u l-qerda sħiħa tal-munizzjon u tat-tagħmir kollu fid-depożitu ta' Cobasna taħt sorveljanza internazzjonali;

13. Jistieden lill-atturi politiċi kollha jikkontribwixxu biex jissodisfaw l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-poplu tal-Moldova billi jfittxu li jistabbilixxu kunsens dwar il-biċċa l-kbira tar-riformi importanti u urġenti, jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-ħidma leġiżlattiva tal-Parlament tal-Moldova bil-għan li l-leġiżlazzjoni tal-Moldova tiġi armonizzata aktar mal-istandards tal-UE, u jinvolvu ruħhom mas-soċjetà ċivili fir-riformi ewlenin kollha kif ukoll fl-orjentazzjoni Ewropea tal-pajjiż;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u lill-President, lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova.